**MALTA**

# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

## ĠUDIKATUR
## DR. ANNA MALLIA

**Seduta tad-19 ta' April, 2018**

**Talba numru 800/2014 AM3**

**Numru fuq il-Lista: 28**

**Anthony (ID 643839M) u Mary (ID 840140M) konjugi Cristina u Jason Cristina (ID 510570M)**

**Vs**

**Perit Arkitett Elizabeth Ellul (ID 505362M) u Perit Arkitett Andrew Ellul (ID 47061M) ghal kull interess li jista jkollu u b'digriet tat-Tribunal datat 11 ta' Frar, 2015 gew kjamati in kawza is-segwenti: Jonathan Cuschieri, David Cuschieri, Donald Camilleri u Jason Vassallo liema indirizzi huma nnotati f'nota in odjerni atti datata nhar id-09 ta' Frar, 2015 a fol 11**

**It-Tribunal**,

Ra l-Avviz tat-Talba li permezz tieghu l-atturi Anthony u Mary Cristina iddikjaraw li huma proprjetarji tat-terran 42, Triq Fra Diegu, Hamrun liema fond huwa okkupat minn binhom l-attur Jason Cristina. Il-mezzanin ta' fuqhom huwa proprjeta' tal-konvenuta Elizabeth Ellul li hija mizzewga lil konvenut l-iehor Andrew Ellul; l-ammont ta' mitejn u erbghin ewro (€240) huwa dovut lill-atturi konjugi Cristina ghal xogholijiet ta' tiswija tal-medda tal-katusi komuni bejn it-terran u mezzanin fuq imsemmi. Is-somma ta' erbghin ewro (€40) hija wkoll dovuta

mill-konvenuti lill-atturi konjugi Cristina sabiex tnehha sadd fil-katusa komuni liema sadd gara minhabba traskuragni u negligenza da parti tal-konvenuti lill-attur Jason Cristina ghat-tiswija tal-hsara li sofra minhabba ngress ta' ilma fit-terran kagunat mis-sadd fil-katusa.

Ra r-risposta tal-konvenuti a fol 8 li permezz taghha eccepew in linea preliminari, l-esponenti Perit Andrew Ellul mhuwiex legittimu kuntraditur in kwantu huwa m'ghandu l-ebda sehem mill-proprjeta' ossia mezzanin sovrastanti l-fond tar-rikorrenti u ghaldaqstant ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju. Dan l-istat ta' fatt gia' gie mgharraf lir-rikorrenti; li in linea preliminari, l-esponenti Elizabeth Ellul ghandha biss sehem indiviz ma' komproprjetarji ohra u ghalhekk il-gudizzju mhuwiex integru; li fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, kwalsiasi spejjez li setghu inkorrew ir-rikorrenti sabiex inehhu s-sadd fis-sistema tad-drenagg ghandu jigi sopportat unikament minnhom. Dan ghaliex peress li l-mezzanin sovrastanti ghal dak tar-rikorrenti huwa maghluq u jekk irrizulta xi sadd, dan bilfors li avvera ruhu mill-fond tar-rikorrenti. Ir-responsabilita' ghall-ispiza tal-ftuh ta' sadd tas-sistema ta' drenagg hija fuq minn effettivament jokkupa l-fond; illi fil-mertu wkoll u dejjem bla pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrenti la nfurmaw u wisq anqas talbu l-kunsens tas-sidien tal-mezzanin qabel ghamlu x-xogholijiet li taghhom issa qed jitolbu l-hlas. Illi anke kieku s-sidien tal-mezzanin kellhom xi responsabilita' (li m'ghandhomx) huma qatt ma kienu ser jaccettaw li jsiru dawk ix-xogholijiet bir-rati li indikati fil-kont li gie pprezentat il-mittenti wara li allegatament sar ix-xoghol, stante li dawn ir-rati mhumiex gustifikabbli; li dejjem fil-mertu l-esponenti ma kkawzaw l-ebda dannu lir-rikorrenti.

Ra n-nota a fol 11 li permezz taghha l-intimati ddikjaraw li l-ko-proprjetarji tal-fond de quo huma minbarra l-konvenuta Perit Elizabeth Ellul, huma Jonathan Cuschieri, David Cuschieri, Donald Camilleri u Jason Vassallo u d-digriet a fol 12 li permezz tieghu fuq talba tal-avukat tal-attur, Dr Albert Libreri, ordna li jigu kjamati in kawza l-ko-proprjetarji l-ohra.

Ra r-risposta tal-kjamati in kawza a fol 14 li permezz taghha huma eccepew li kwalsiasi spejjez li setghu nkorrew ir-rikorrenti sabiex inehhu s-sadd fis-sistema tad-drenagg ghandu

jigi sopportat unikament minnhom. Dan ghaliex peress li l-mezzanin sovrastanti ghal dak tar-rikorrenti huwa maghluq u jekk irrizulta xi sadd, dan bilfors li avvera ruhu mill-fond tar-rikorrenti. Ir-responsabbilita' ghall-ispiza tal-ftuh ta' sadd tas-sistema ta' drenagg hija fuq min effettivament jokkupa l-fond; li fil-mertu u dejjem bla pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrenti la infurmaw u wisq anqas talbu l-kunsens tas-sidien tal-mezzanin qabel ghamlu x-x-xogholijiet li taghhom issa qed jitolbu l-hlas. Illi anke kieku s-sidien tal-mezzanin kellhom xi responsabbilta' (li m'ghandhomx) huma qatt ma kienu ser jaccettaw li jsiru dawk ix-xogholijiet bir-rati indikati fil-kont li gie pprezentat il-mittenti wara li allegatament sar ix-xoghol, stante li dawn ir-rati mhumiex gustifikabbli; li dejjem fil-mertu, l-esponenti ma kkawzaw l-ebda dannu lir-rikorrenti.

Xehed Jeffrey Bonello a fol 20 et li huwa Direttur fis-socjeta' Rustika Limited u li gew inkarigati biex jaghmlu xi xogholijiet fil-fond li jinsab 42, Triq Fra Diegu, Hamrun liema xogholijiet kienu jikkonsistu f'li jzarmaw l-units tal-kcina kif ukoll il-gwardarobba huma ghamlu xi xogholijiet fuq il-post, saru xi riparazzjonijiet u regghu poggew kollox f'postu mill-gdid.

Bonello spjega li huma setghu jaraw li kien dahal xi ilma f'din il-proprjeta' u ghalhekk din l-ghamara kienet ixxarbet fil-partijiet ta' isfel taghha u li l-proprjeta' hija terran u ghalhekk livell mat-triq. Jidher li kien hemm xi problema ta' overflow ta' drenagg u l-hsara li raw kienet fil-kamra li tigi biswit il-bitha li hija fil-parti ta' wara tal-proprjeta' u anke f'ghamara li kien hemm fil-parti ta' quddiem tal-istess proprjeta' u cioe' vicin tat-triq.

Huwa kkonferma l-ircevuta tal-hlas li sar lil kumpanija ghal dawn ix-xogholijiet a fol 22 u kompla jispjega li x-xogholijiet ta' riparazzjoni fuqhom kellhom is-saqajn pero' kellhom il-plinta tal-injam quddiemhom, sar ukoll xoghol fil-gnub ta' din l-istess ghamara, u dan inkwantu ta' dawn il-partijiet ta' ghamara jmissu mal-art. Minbarra li kien fihom il-hsara dawn kellhom jitnehhew ukoll ghax kien ghad hemm l-ilma warajhom u tahthom u ghalhekk kien jehtieg li jinxef dan l-ilma u jingabar dan l-ilma. Huma kellhom ihalluhom zarmati ghal

xi ftit ta' zmien sabiex ikunu zguri li nixef kollox u imbaghad regghu installawhom wara xi ftit taz-zmien. L-ircevuta harget f'isem Jason Cristina li huwa l-persuna li kien jghix fil-post. Huwa gharaf lill-attur li jigi z-ziju tieghu u lil missier Jason Cristina. Ix-xogholijiet tlestew fis-17 ta' Novembru, 2014 meta hareg l-ircevuta a fol 22. Huwa kkonferma r-ritratti esebiti bhala Dok JB2 a fol 23 et li huma r-ritratti tal-ghamara li saru x-xogholijiet ta' tiswija fuqhom u meta mistoqsi huwa kkonferma li ma kkomunika ma' hadd dwar dawn ix-xogholijiet.

A fol 27 et xehed l-attur Jason Cristina li huwa t-tifel ta' Anthony Cristina l-attur l-iehor u li meta grat il-hsara kien qed jghix fil-propjeta' in kwistjoni. Il-hsara li rrizultat fil-medda tal-katusi kkawza hsara fl-ghamara u kellhom isiru riparazzjonijiet fl-istess ghamara. Huwa xehed li din il-hsara rrizulta b'konsegwenza ta' kwantita kbira ta' ilma tax-xita li kienet nizlet fil-bitha li tinsab f'din il-proprjeta' u dan l-ilma tax-xita dahal gewwa u kkawza l-hsara f'din l-ghamara. Skont Jason Cristina li gara kien li kien hemm sadd fil-medda tal-katusi u dan minhabba li kien hemm kwantita' ta' hmieg fuq il-bejt u meta ghamlet ix-xita dan nizel mill-katusi u eventwalment instadd is-sufun li kien jinsab fil-bitha. Meta muri r-ritratti a fol 23 et huwa stqarr li r-ritratti hadhom hu u li fir-ritratti tidher l-ghamara tal-kamra tas-sodda u tal-kcina li kellhom jittiehdu gol fabbrika tal-injam biex jissewwew.

Huwa pprezenta ritratt a fol 29 sabiex juri l-materjal li huwa gabar minn fuq il-bejt li nizel mal-ilma tax-xita meta ghamlet dik il-kwantita' kbira ta' xita. Ir-ritratt huwa xehed li hadu wara li inqala' dan l-episodju u l-materjal li jidher fir-ritratt a fol 29 huwa l-materjal li kien fadal fuq il-bejt wara li sehhet il-hsara fl-ghamara.

In kontro-ezami Jason Cristina xehed li kien ilu jghix fil-post ghal xi sena qabel ma sehh dan u spjega li r-ritratt a fol 29 juri l-bejt tal-proprjeta' tal-konvenuti u l-kjamati in kawza. Huwa stqarr li ma ghandux access ghal dan il-bejt izda wara li saret il-hsara u l-hafna xita li ghamlet huwa tela' ghal fuq l-arja tal-kmamar tieghu mill-bitha tieghu u b'sellum rega tela' ghal fuq il-proprjeta' tal-konvenuti. Huwa ra aktar materjal minn dak li jidher fir-ritratt a fol 29. Huwa xehed li stima jew stejjem ohra ma talabx qabel inkariga lil Rustika ghax ma setghax

ihalli l-ghamara kif kienet, u anke dwar s-sadd ta' drenagg huwa kellu jinkariga lil Bartolomeo Micallef sabiex jiftah d-drenagg. Huwa kkonferma li d-Direttur ta' Rustika jigi minnu.

A fol 43 xehed Bartolomeo Micallef li d-dokumenti a fol 52 u 53 huwa gharafhom kollha bhala l-invoice li hareg u z-zewg ircevuti tal-VAT li huwa hareg. Huwa spjega li jsibuh ukoll bhala Albert Micallef u li kien inkarigat mill-attur peress li kellu problema fid-dar ta' drainage u l-problema kibret. Huma fethu d-drenagg u sabu sfrakassjoni u kollox; il-grieden ghamlu herba. Imbaghad nehhew il-gebel u sabu katusa ta' barra imnizzla u mifqugha; kien hemm ukoll gurdien daqs qattus. Ix-xoghol sar f'darbtejn l-ewwel marru biex jifthu u jnehhu l-inkonvenjent u imbaghad regghu marru biex jibdlu l-katusa ta' fuq il-bankina u ghamlu tappiera gdida, spakxin gdid u kollox normali.

Huwa thallas erba' mija u tmenin ewro (€480) ghal x-xoghol u l-materjal. Huwa jikkonferma li x-xoghol sar il-Hamrun izda t-triq ma jiftakarhiex pero' jaf li l-post jinsab isfel u fuq l-post huwa vojt. Dwar it-tieni ircevuta ta' erbghin ewro (€40) a fol 53 huwa spjega li din kienet ta' xoghol li ghamel ghax instadd fuq gewwa u kellhom jaghlqu t-toqob ghax kien hemm hafna grieden taht l-art u fethu d-drenagg li jigi parti mid-drenagg ta' wara ghax kien qed jinzel minn fuq ghal isfel u minn isfel ghal barra. Huwa kkonferma li l-ftuh ta' drenagg kien fil-katusa komuni.

In kontro-ezami Micallef xehed li veru li l-post ta' fuq huwa vojt izda kolox jghaddi mill-proprjeta' tal-atturi. Anke jekk il-problema ta' grieden kienet fil-proprjeta' tal-attur, xorta mal-komuni jaghmel. Xehed li ilu hamsa u erbghin (45) sena f'dan ix-xoghol ma' tas-Sanita' u li skont hu x-xoghol kemm il darba jkun komuni u li f'dan il-kaz kollox komuni, u kompla li fuq ma hemmx problemi ta' xejn pero' il-komuni kollox temm jghid ix-xhud Bartolomeo Micallef.

A fol 55 xehed l-attur Anthony Cristina li huwa flimkien ma' martu huwa sid it-terran li jinsab 42, Triq Fra Diegu, Hamrun u li meta gie ghandhom il-post kien f'kundizzjoni tajba ghalkemm kien ghamel xi ftit taz-zmien maghluq. Fil-post kienet toqghod l-ewwel kugina tieghu, imbaghad kien hemm toqghod bintha u wara mar joqghod fih ibnu l-attur l-iehor. L-ghamara ta' gol-post ghamilha ibnu Jason il-konvenut.

Anthony Cristina kompla jixhed li fil-post mal-ewwel beda jinnota li kien qed ikun hemm xi problemi fis-sistema tad-drenagg u spjega li s-sistema tad-drenagg tat-terran hija konnessa mas-sistema tal-post ta' fuqhom. Il-post ta' fuq ma kienx okkupat ghal dawn l-ahhar hames snin. Huwa beda jara l-problemi tas-sadd tad-drenagg u ghall-ewwel beda jifthu hu izda mbaghad innota li fost il-materjal li kien qed jaqla' kien hemm dak li jghidulu 'naqal' huwa kien inaddfu sia' minn gol-bitha ta' wara tat-terran u sia' mill-inspection chamber mal-bankina u dan il-materja kien jarah ghax kien jghid lit-tifel jitfa l-bramel tal-ilma biex jara x'johrog.

Minghand xi girien gab d-dettalji tal-konvenut il-Perit Andrew Ellul u qallu biex jiehu hsieb il-post tieghu peress li kien hemm hafna hmieg fuq l-bejt. Huwa rrispondih li l-post mhux tieghu biss u kien bejn erbgha. Il-gar tieghu tela' fuq jara u qallu li kien hemm hafna hmieg fuq il-bejt tal-post tal-konvenuti u sahansitra dehret kwazi mizduda ghal kollox il-katusa li taghti mill-bejt. Huwa rega cempel lil Perit Ellul xi tlett darbiet u kull darba jghidlu li ser jiehu hsieb inaddaf izda mbaghad beda jaqtalu. Huwa kien icempillu fuq il-mobile.

Huwa spjega li s-sistema tad-drenagg tal-konvenuti ma' dik taghhom l-atturi testendi wkoll ghal gol bitha li huma wkoll ghandhom fil-post taghhom peress li l-post taghhom huwa kemm fil-livell tal-pjan terran fejn hemm il-bitha u imbaghad jestendi fuq it-terran tieghu l-attur. Huwa prezenta ritratt tal-konvenuti biex juri l-istat ta' abbandun u l-hmieg li hemm f'din il-bitha (fol 57) u a fol 58 ritratt iehor sabiex juri l-gulley li huwa konness mas-sistema tad-drenagg tal-atturi u l-hmieg u l-imblukkar tal-istess gulley. Huwa prezenta zewg ritratti ohra (fol 59 u 60) biex juri l-istat tal-bitha tal-fond tal-konvenuti.

L-attur Anthony Cristina kompla jixhed li s-sadd baqa' jigri u ghalhekk mar l-ufficcju tas-Sanita' ta' tas-Sliema u staqsihom jafux lil xi hadd biex imur jara xi hsara hemm u ssuggerewlu tlett ismijiet li jidhru a fol 61 u huwa ghazel lil Bartolomeo Micallef. Meta Micallef mar fuq l-post huwa induna li kien hemm is-suffun imblukkat. Wara li naddaf l-medda tal-katusi minn gewwwa billi seffed l-istess medda huwa biddel is-suffun kompletament. Biex sar dan ix-xoghol Micallef kellu lil haddiehor mieghu u ghamlu kwazi gurnata shiha u anke kellhom juzaw jigger biex ikissru il-konkos. Dan ix-xoghol spjega li sar kollu fuq barra tal-post jigifieri mal-bankina. Huwa hallas lil Micallef erba' mija u tmenin (€480) meta lesta x-xoghol u l-ircevuta tinsab esebita. Huwa spjega li meta Micallef sefsef il-medda din kienet il-medda li mill-bitha ta' wara tat-terran tieghu taghti ghal barra t-triq ghax huwa ma setax issefsef il-meded tal-post tal-konvenuti u lanqas seta' jitla fuq il-bejt tal-istess konvenuti.

Izda gara li aktar tard fis-sena ghamlet maltempata kbira u ibnu Jason beda jidhollu l-ilma mill-bitha ta' wara u mill-bathroom u l-ilma beda johrog mill-bieb ta' barra u ghamillu hsara fl-ghamara. Huwa ghalhekk cempel lil Bartolomeo Micallef u dan rega mar u fetah is-sadd u hallsu erbghin ewro (€40) u wara ma kellhomx aktar problemi ghalkemm fil-frattemp il-post ta' fuqhom inkera.

Huwa xehed li pprova kemm-il darba jikkuntattja lil Perit Andrew Ellul qabel ma saru x-xogholijiet izda huwa beda jaqtghalu l-linja kull darba li jcempilu u wkoll li l-Perit Ellul qatt ma qallu minn huma s-sidien tal-post u sar jaf mill-kawza min huma. Meta huwa ghadda l-ircevuti lil zitu jew z-zija tal-mara tieghu li tghix vicin tieghu, ghadda xi zmien u meta ra li ma rrispondiehx cempillu u rrispondih u qallu biex ihallsu sehmu tal-ispejjez izda Ellul wiegbu li kienu gholjin u kien imessu gab stima u li peress li kienu erbgha kienu lesti ihallsu kwart tal-ispiza u mhux nofs l-ispiza. Huwa ma accettax u kellha ssir din il-kawza.

A fol 80 et in kontro-ezami Cristina xehed li huwa semgha lil Perit Andrew Ellul jixhed u kkonferma li Ellul ma ghandux access ghalih mill-proprjeta' tieghu. Huwa cahad li l-post

tieghu ghamel xi zmien maghluq.  Kull xahar huwa jmur jiccekja fuq il-bejt u jitla ghalih b'sellum u l-ahhar darba li tela' kien l-Gimgha qabel gie jixhed.  Huwa jaf li d-drenagg tal-konvenuti imur ghal ghandu u dan ghax dak iz-zmien kienu jsiru zewg postijiet u dan jafu mhux ghax iccekja izda ghax xeba' jiftah d-drenagg huwa stess u hija haga logika li d-drenagg tal-konvenuti huwa kkomunikat ma' tieghu.  Huwa jaf li l-katusa niezla minn fuq il-bejt tal-konvenuti.  It-tiswijiet tal-ghamara ghamilha ibnu stess u ta' Rustika ibnu jigi z-ziju tieghu.

A fol 64 et fl-affidavit tieghu l-Perit Andrew Ellul spjega li martu Elizabeth Ellul ghandha sehem ta' madwar tnejn u erbghin fil-mija (42%) f'din il-proprjeta' li fiha kienet toqghod z-zija ta' martu li kienet kburija bid-dar u kienet izzommha fi stat tajjeb.  Qatt ma kellhomx problemi ta' drenagg jew li dahal l-ilma.  Huwa xehed li l-ewwel darba li kkuntattjah l-attur kien meta x-xoghol kien lest u u qallu li x-xoghol sewa erba' mija u tmenin ewro (€480).  Huwa infurmah li huma ma kellhomx ihallsu ghax il-problema ma kienitx gejja mill-proprjeta' taghhom u apparti dan l-post tal-familja ta' martu kien battal u li l-kont kien ghali hafna.  Meta staqsieh ghaliex hallas madwar tlett mija u hamsin (€350) ghal gurnata xoghol huwa semplicement qallu 'Staqsi lil haddiem'. Huwa staqsieh kellux ircevuta u kien qallu li kienu ser ikellmuh lura.  Wara ftit cempillu u qallu l-haddiem kien lest jipprovdi rcevuta ghal nofs l-ammont biss cioe' ta' mitejn u erbghin ewro (€240) cioe' l-ammont li l-attur kien qed jippretendi li ghandhom ihallsu huma l-konvenuti.

Meta saqsha lil Cristina ghal breakdown huwa qallu "2 elbows + 2 reducers 5 to 4 inches + siphon = €50 euro, Cover = €80 euro". Dawn ghalih kienu prezzijiet esagerati u huwa kien cert li l-atturi kienu qed japprofittaw.  Meta fix-xhieda ta' Cristina qara li kien hemm ragel iehor jghinu x-xhud stqarr li ma kienx normali li bniedem 'VAT exempt' jimpjega lin-nies.  Huwa jistaqsi kif jista bniedem 'VAT exempt' jitlob tlett mija u hamsin ewro (€350) ta' gurnata xoghol?

Huwa zied jixhed li l-atturi qatt ma qalulu li soffrew xi danni u lanqas semmew dan fl-ittra legali li baghtu qabel bdew il-kawza.  Dwar ir-ritratti tal-bitha esebiti x-xhud stqarr li dawn

ma jfissru xejn barra li ttiehdu legalment fi hwejjighom. Huma qatt ma kellhom problema ta' ilma u jekk dahal mill-proprjeta' taghhom il-konvenuti huma cioe' il-konvenuti suppost li ghandhom il-hsara. Il-gulley fil-bitha taghhom zamm il-hmieg milli jghaddi u fuq il-bejt il-katusa hija ghola mill-bejt. Huwa jsostni li r-responsabilita' hija tal-attur biss.

A fol 68 l-istess xhud il-Perit Andrew Ellul fuq talba tat-Tribunal xehed li ma jaqbilx mas-somma ta' mitejn u erbghin ewro (€240) ghax-xogholijiet ta' tiswija tal-medda tal-katusi komuni bejn it-terran u l-mezzanin u dan minghajr pregudizzju ghal kawzali, u li skont hu l-istima ghandha tkun ta' mija u ghoxrin ewro (€120) u dwar is-somma ta' erbghin ewro (€40) biex jitnehha s-sadd huwa wiegeb li s-somma hi ragjonevoli; u dwar is-somma ta' tlett mija u tmenin ewro (€380) ix-xhud wiegeb li ma jaqbilx.

Ra li fl-istess seduta t-Tribunal ssollecita u stieden lil konvenut sabiex jaccedi u jiccertifika jekk il-katusa taz-zewg fondi hix wahda komuni.

In kontro-ezami a fol 70 et Ellul li huwa kien imur jara lil zitu mill-anqas darba fil-gimgha u wara l-mewt taghha l-post baqa' vojt. Huwa qabel li l-post ilu vojt xi hames snin u li f'dawn il-hames snin huwa kien imur fil-post biex jigbor il-kontijiet tad-dawl u ilma u meta riedu jaqsmu xi ghamara. Gieli mar hu u gieli marret martu u gieli mar kugin ta' martu u ghalhekk kien hemm diversi nies li marru fil-post.

Mistoqsi meta mar fuq il-post kienx jiccekja l-katusa li nstadded huwa wiegeb li huma ma ghandux access ghal bejt ta' Cristina. Meta muri r-ritratti a fol 57 sa 60 huwa wiegeb li l-qsari qeghdin fil-bitha tal-proprjeta' taghhom il-konvenuti u mhux fuq il-bejt u f'din il-bitha hemm gulley li l-ilma jigi minn go din l-bitha jghaddi minn go gulley u mbaghad jassumi li minn hemmhekk skont hu ma jinzilx ghal proprjeta' ta' Cristina stante li 'we are ground floor' u taht dan ma hemm xejn. Huwa jsostni li hemm katusa tal-ilma niezla minn fuq il-bejt u ma xhiex hi konnessa huwa ma jafx. Jaf izda li hemm gulley separat minn l-ilma li jinzel

minn fuq il-bejt.  Hemm gulley separat.  Skont hu jekk b'dawn il-qsari hemm xi sadd fil-gulley jfuru huma mhux l-atturi.  Mistoqsi jghid jekk minn din il-bitha jmur fid-drenagg tal-atturi cio' fid-drenagg komuni x-xhud wiegeb li ma jafx.   Huwa assuma li huwa komuni izda mhux cert.

Huwa rega spjega ghaliex l-ispejjez huma esagerati u ghaliex huma mhux responsabbli ghal dawn il-hsarat u dan ghax il-post kien vojt.  Jekk kien hemm sadd fil-bitha taghhom il-gulley kien jinstadd u l-post taghhom kien ifur u l-post taghhom qatt ma far u qatt ma dahal ilma fil-proprjeta' taghhom.

Mistoqsi ghamlux manutenzjoni f'din il-bitha jew fil-gulley jew fis-sistema kollha minn fejn jghaddu l-katusi f'dawn il-hames snin li ilu vojt, ix-xhud wiegeb li huma qatt ma kellhom sadd. Huwa kkonferma li Cristina cempillu darba biss f'xi l-ghaxra ta' bil-lejl u huwa ma setghax jirrispondi.  Huwa jkollu hafna missed calls fuq il-mobile u ghalhekk ma jkunx jaf liema huma ta' Cristina.  Illum il-post huwa mikri u qed issir manutenzjoni fis-soqfa u dan ix-xhud jafu ghax imur jiccekja.  Meta muri l-hajt u s-saqaf tal-attur li fuqu hemm it-tank tal-ilma tal-konvenuti, huwa wiegeb li s-saqaf sar illegalment u baqa' ma wegibx dwar jekk issirx manutenzjoni tal-hajt.  Meta mistoqsi mit-Tribunal a fol 78 Ellul wiegeb li l-appogg la hu ghandu l-bejt tieghu l-ewwel zewg metri huma proprjeta' tieghu u responsabilita' tieghu.

Mistoqsi gabx quotation qabel saret il-kawza dwar il-kont tal-atturi x-xhud wiegeb li ma gabx.

Ra li a fol 86 it-Tribunal talab lil partijiet sabiex permezz ta' nota konguntiva jaghmlu dikjarazzjoni cara dwar jekk id-drenagg in kwistjoni hux komuni bejn iz-zewg proprjetajiet tal-atturi u tal-konvenuti.

Ra r-rapport prezentat mill-konvenut il-Perit Andrew Ellul a fol 88 et li permezz tieghu rraporta li meta ntefgha l-ilma minn Cristina ghall-ewwel darbtejn ma wasalx u fit-tielet darba wasal fl-inspection box. Li intefa ilma mill-bitha tal-konvenuti u wasal fl-inspection box. Skont hu jidher li meta s-sistema kienet xotta Cristina kellu problema biex johrog l-ilma. Skont hu ghad hemm problema fis-sitema ta' drenagg u li l-ispejjez li ghamel kienu ghalxejn ghax il-problema tieghu baqghet hemm. Skont hu wkoll l-livell tal-madum tal-bitha ta' Cristina ghola mill-madum ta' gewwa u li ghalhekk jekk tfur il-bitha bi ftit ilma jidhol gewwa mill-ewwel. Huwa jghid li nnota wkoll li l-ghamra fejn Cristina qal li dahallu l-ilma zarmawha, nixfuha u regghu armawha u mhux xtrawha mill-gdid.

Li sabiex jirribatti dan ir-rapport l-attur Anthony Cristina a fol 92 xehed li fl-ewwel darbtejn li intefa l-ilma fit-toilet tal-post tieghu veru li ma harigx fl-inspection box barra fit-triq izda fit-tielet darba wasal, u anke l-ilma li tefa' il-konvenut Ellul fit-toilet tieghu wasal ukoll fl-inspection box barra fit-triq izda dan l-ilma intefa wara li huwa kien diga tefa' l-ilma darbtejn fit-toilet tieghu u li ma kienx lahaq wasal u li ghalhekk skont hu sa saritx prova li l-ewwel jitfa l-ilma fit-toilet tieghu l-konvenut biex jaraw jekk jasalx barra fit-triq.

Il-fatt li meta tefa' l-ilma fit-toilet tieghu l-konvenut dan wasal fl-inspection box dan ifisser li d-drenagg huwa komuni. Huwa kkonferma li l-katusa li gejja minghand il-konvenuti taghaqqad mal-katusa komuni tieghu ezatt wara t-toilet tal-atturi u pprezenta zewg ritratti biex juri li l-bitha tieghu tal-attur hija wkoll parigg il-bitha tal-konvenuti u qeghda ezatt hdejn dan it-toilet u ghalhekk il-katusa hija prattikament komuni t-tul kollu mill-bitha sal-inspection box barra fit-triq.

Cristina kkonferma li l-ispejjez li ghamel apparti l-hsarat fl-ghamara kienu biss fis-suffun ta' barra t-triq u dakinhar tal-access huwa kien qal lil Perit Ellul li ghad fadal veru problema fil-katusa izda mhux fil-katusa li sservi lill-attur biss izda anke f'dik il-parti li sservi lil konvenut ghaliex ipprova jizblokka l-katusa, dahhal seba' qasbiet ta' metru kull qasba u kien minn mas-seba' qasba li sab is-sadd u ta' dan pprezenta ritratt li jinsab a fol 94A tal-process u a fol 95 huwa pprezenta ritratt iehor biex juri l-kaxxa griza li hija circa metru u nofs il-boghod mill-bieb tal-bitha li jaghti ghal gewwa l-post. Dwar li l-art tal-bitha hija aktar fil-gholi huwa spjega li hemm speci ta' cint zghir fin-nofs li hu ta' circa gholi ta' tlett (3) pulzieri u ghalhekk skont l-attur biex ifur l-ilma minn gol-bitha trid tkun ghamlet hafna u hafna xita li mhux il-kaz

u lanqas li kieku ma kienx hemm sadd fil-katusa l-ilma ta’ gol bitha kien jibqa niezel fid-drain ta’ din il-katusa kif jidher mir-ritratt Dok X3.

Semgha t-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidra,

Illi dwar provi fil-kamp civili jigi rilevat li:

Fil-kamp civili, ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-Gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili.

Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku t'azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghal konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal- probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil- kamp kriminali, fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli.”

In oltre, kif gie affermat fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Stella Borg vs Joseph Cassar et** deciza nhar il-hamsa w ghoxrin (25) t’April, 2002 mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili:-

*“Il-Gudikant, fil-kamp civili, ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex, u mhux fuq semplici possibilitajiet; imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed, bhala li hi bazata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet. U dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali, fejn il-htiega trid tirrizulta minghajr ma thalli ebda dubju ragonevoli.”*

Ghal dak li huwa apprezzament tal-provi, il-kriterju determinanti mhuwiex jekk il-Gudikant assolutament jemminx dak li jkun gie spjegat lilu, izda jekk dawk l- ispjegazzjonijiet humiex verosmili fic-cirkostanzi svarjati tal-hajja (**Borg vs Bartolo**– Appell Inferjuri – 25 ta’ Gunju, 1980). Il-grad ta’ prova rikjest fil-kamp civili huwa dak li bizzejjed li jkun inissel certezza morali f’mohh il-Gudikant li tkun indotta minn preponderanza ta’ provi meqjusa fuq bilanc ta’ probabilitajiet (**Caruana vs Laurenti** – Prim’Awla tal-Qorti Civili – 08 ta’ April, 1994 ; **Borg vs Manager ta’ l-Intrapriza tal-Halib** – Prim’Awla tal-Qorti Civili – 17 ta’ Lulju, 1981; **Vassallo**

**vs Pace** - Vol.LXX.II.144 u **Zammit vs Petrococchino** – Appell Kummercjali – 25 ta' Frar, 1952).

Kif inghad fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Sede Inferjuri nhar it-tmienja w ghoxrin (28) t'April 2004 fl- ismijiet **Emanuel Ciantar vs David Curmi noe**:-

*"Fil-kamp civili l-piz tal-prova huwa mixhut fuq min jafferma fatt, u mhux fuq min jinnegah. B'danakollu, f'kawza civili, d-dolo jista' jigi stabbilit anke permezz ta'presunzjonijiet w indizji, purke s'intendi jkunu serji, precizi u konkordanti, b'tali mod li ma jhallu l-ebda dubju f'min hu msejjah biex jiggudika.*

*Huwa ben maghruf, f'materja konsimili, li mhux kwalunkwe konflitt, kontradizzjonijiet jew inezattezzi fil- provi, ghandhom ihallu lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita` li minhabba fihom, ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta jew jkollha b'konsegwenza taqa' fuq ir-regola ta' in dubio pro reo.*

Dwar sejbien ta' htija, l-Artikolu 1031 tal-Kodici Civili jipprovdi:-

*"Izda, kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu"*;

u l-Artikolu 1032 jistipula:

*"Jitqies fi htija kull min fl-eghmil tieghu ma juzax il-prundenza, id-diligenza u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja".*

Fil-kawza fl-ismijiet **Giuseppe Spiteri vs Alexander Camilleri** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-09 ta' April, 1937 [Vol. XXIX.i.937] gie ssottolinejat:-

*"Mill-banda l-ohra huwa assodat fid-dottrina u accettat fil-ligi taghna illi d-diligenza li hija necessarja fil-materja tad-danni li jkunu gejjin mid-delitti jew kwazi hija dik tal-persuna*

*medja, cioe' d-diligenza ordinarja; "la media del dovere non e' la previdenza della quale e' capace un dato individuo, ma e' quella commune di un uomo prudente" (Cogliolo – Colpa Aquiliana, scritti vari Vol. I, pag. 202). Il-Pollock (Law of Torts, page 357) jistabilixxi l-istess principju fid-Dritt Ingliz:- "We have to assume that the standard of duty is not the foresight and caution which this or that particular man is capable of, but **the foresight and caution of a prudent man**".*

Ghal dak li jikkoncerna min mill-partijiet irid jaghti prova, issir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Engineer Frank Calafato vs Carmelo Grech** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-23 ta' Novembru 1921 [Vol. XXIV.i.894] fejn intqal:-

*"Attessocche' contrariament a quanto sembra aver ritenuto la prima Corte, quando in un giudizio di risarcimento di danni l'attore allega d'aver sofferto il danno di culi reclama la rifazione, per colpa del convenuto, egli e' nell'obbligo di provare un fatto od una omissione che porti insita la prova della colpa che egli imputa al convenuto medesimo; poiche' la colpa e' un'ipotesi giuridica e generica finche' sta nella disposizione della legge o nei trattati di scienza giuridica, ma deve assumere una forma materiale e specifica quando si imputa ad altri come cagione di danni sofferti e risarcibili. Occorreva quindi che nella causa fosse risultata la colpa specifica del convenuto, consistente in un fatto o una omissione, alla quale potesse attribuirsi la rottura del cilindro della motocicletta in quistione che l'attore nel suo atto di citazione ha allegato d'essere stata cagionata dal convenuto".*

Issir ukoll referenza ghas-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **L-Avukat Dottor Louis Cassar Pullicino vs Angelo Xuereb noe et** [Citaz. Nru: 1264/99TM] deciza fit-03 ta' Lulju, 2003:- *"fil-kaz ta' azzjoni ghad-danni nascenti mir-responsabbilita' extra-contrattuale huwa l-attur li ghandu oneru ta' prova iktar difficli impost fuqu ghaliex f'tali kaz huwa jrid jipprova n-nexus bejn l-agir tal-konvenut u d-dannu minnu soffert".*

Ghalhekk l-atturi ghandhom l-obbligu li jippruvaw pozittivament il-htija u r-responsabbilita' tal-konvenut kemm ghall-fatt li sehh il-perkolazzjoni ta' l-ilma, kif ukoll ghad-danni

konsegwenzjali. Huwa lill-attur li tinkombi, skont ir-regoli komuni ta' dritt, il-prova tal-*culpa*. Hekk per ezempju, *"il vicino, lo stabile del quale e' incendiato come conseguenza dell'incendio scoppiato nello stabilimento vicino, se chiede una indennita' al conduttore o al proprietario di tale stabbilimento ha l'onero della prova della colpa di uno conduttore o di uno proprietario…."*.[Vol. XXV.iii.768].

Kif tajjeb intqal fil-kawza fl-ismijiet **Antonio Vella vs Emanuel Attard** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-12 ta' Lulju, 1976 ir-regola komuni huwa l-principju *"culpae non praesumuntur, u ghalhekk ma toperax u ma tapplikax meta l-awtur tad-dannu ma jkunx obbligat versu d-danneggjat minhabba u skont kuntratt, jew in forza ta' kwazi kuntratt. Fejn ma hemmx kuntratt jew kwazi kuntratt japplikaw ir-regoli komuni sanciti mill-aforisma legali affermanti incumbit probation (Re Regulis Juris) actore non probante, qui convenitur, stei nibil ipse praestet, obtinebit"*.

Huwa principju pacifikament ricevut f'materja ta' danni illi "biex ikun hemm lok ghar-responsabilita` tad-danni hemm bzonn li min jitlobhom jipprova mhux biss l-att jew ommissjoni kolpuza imma li dak l-att jew ommissjoni ghandhom konnessjoni ta' kawza u effett mad-danni sofferti" (**Kollez. Vol. XXX pIII p142**).

Din ir-realta` kienet timponi fuq l-atturi appellanti li jippruvaw pozittivament il-htija tal-konvenut appellat kemm tal-fatt li l-infiltrazzjoni ta' l-ilma fil-fond taghhom kif ukoll tad-danni konsegwenzjali subiti b'din l-istess infiltrazzjoni. Fi kliem iehor jinhtieg li jigi provat li l-konvenut appellat kolpozament u negligentement ma hax il-prekawzjonijiet ta' bonus paterfamilias mistennija minnu biex jassigura li ma jigux kawzati d-danni li effettivament graw fil-fondi vicini.

Biex wiehed jillustra dan il-principju qed issir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet "**Giovanni Tabone et -vs- John Ellul Sullivan noe et**", Qorti Kummerc, 07 ta' Frar, 1924 f'liema kaz kien sehh incendju fil-fond vicin ghal dak tal-atturi. Fiha ntqal a propozitu illi "il vicino lo

stabilimento del quale e` incendiato come conseguenza dell'incendio scoppiato nello stabilimento vicino se chiede indennita` al conduttore o al proprietario di tale stabilimento ha l'onere della prova della colpa di esso conduttore o di esso proprietario perche` egli invoca contro di lui un diritto che non ha altro fondamento che la colpa di colui contra il quale il reclamo vien fatto" (**Kollez Vol. XXV pIII p768**).

Issa a norma ta' l-Artikolu 1031 tal-Kodici Civili "kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu". Jezistu mbaghad certi presunzjonijiet legali ta' responsabilita` fir-rigward ta' sidien ta' bini bhal dawk ezemplifikati fl-Artikoli 1041 u 1042 tal-istess Kodici. Wiehed necessarjament jifhem li bini jinkorpora fih mhux biss il-gebla izda l-impjanti u nstallazzjonijiet ta' go fih. Huwa ghalhekk prezunt illi kull wiehed iwiegeb ghal hsara kagjonata anke minn dawn l-impjanti u nstallazzjonijiet taht il-kontroll tieghu. Li jfisser allura li jissussisti d-dover ta' kontroll u ta' kustodja adegwata ta' dawn il-hwejjeg li fuqhom is-sid jew detentur ghandu l-poter materjali. Il-mizuri tal-prekawzjoni u tas-salvagwardja ta' dawn il-hwejjeg ghandhom ikunu ritenuti korrelatati mal-ordinarja diligenza. Ghalhekk ma jestendux ghall-konsiderazzjoni ta' mgieba irrazzjonali u l-boghod minn kull logika ta' dover primarju tad-diligenza.

Il-Kodici Civili Taljan jikkontjeni fl-Artikolu 2051 tieghu disposizzjoni espressa li tghid li "ciascuno e` responsabile del danno cagionato della cose che ha in custodia, salvo che provi il caso fortuito".

Dan id-dispost gie spjegat mill-Qorti tal-Kassazzjoni illi "in tema di danni cagionato da cose in custodia, l-Articolo 2051 non esonera il danneggiato dell'onere di provare il nesso causale fra cose in custodia e danno, ossia di dimostrare che l'evento si e` prodotto come conseguenza normale della particolare condizione, potenzialmente lesiva, posseduta della cosa, mentre spetta al custode dimostrarne il fortuito" (**Cass. 13 ta' Frar 2002, Numru 2075**).

Li l-atturi l-konjugi Anthony u Mary Cristina huma sid it-terran li jinsab numru tnejn u erbghin (42) Triq Fra Diegu, Hamrun filwaqt li l-konvenut l-iehor binhom jirrisjedi f'dan il-fond.

Li l-konvenuti huma sid il-fond sovrastanti ghal tali terran.

Li mill-provi jirrizulta li l-fond tal-konvenuti kien ilu hames (5) snin maghluq u ma kien isir ebda manutenzjoni u kif jixhed il-Perit Ellul stess, kien imur hemm xi drabi hu u xi drabi ohrajn sabiex jirtiraw il-kont tal-ilma u d-dawl u l-posta u jaghtu daqqa ta' id izda hadd minnhom ma kien jiccekja l-katusi jew inaddaf il-bejt u l-bitha li tigi sovrastanti ghal proprjeta' tal-atturi ghax skont hu kien hemm l-ilqugh.

Id-danni li qed jitolbu l-atturi jirrigwardaw zewg incidenti: dak ta' Awwissu, 2014 meta instadd id-drenagg u l-attur Anthony Cristina hallas erba' mija u tmenin ewro (€480) biex fethu u dak ta' Novembru, 2014 meta ghamlet hafna xita u instadd il-gulley u dahal l-ilma fil-fond tal-atturi u biex jiftah il-gulley li huwa hallas erbghin ewro (€40) mentri l-attur l-iehor Jason Cristina hallas tlett mija u tmenin ewro (€380) biex sewwa l-ghamara li gratilha l-hsara minhabba l-ingress tal-ilma.

Il-konvenuti jichdu li dawn id-danni gew kawzati mill-proprjeta' taghhom u jikkontendu li anke jekk dan kien il-kaz is-somma mitluba hija esagerata.

Issa mill-provi jirrizulta li l-atturi soffrew danni izda jekk il-kawza ta' dawn id-danni hix gejja mill-proprjeta' tal-konvenuti.

Dwar l-incident ta' Novembru, 2014: dan it-Tribunal fela sew il-provi prodotti li minnhom jirrizulta li l-fond tal-konvenuti ghal hames snin shah ma saritlu ebda manutenzjoni; li l-hmieg li gabar l-attur mil-bejt tal-bitha tal-konvenuti li tigi fuq il-proprjeta' tieghu jidher car li din il-bitha ma kienx hemm manutenzjoni taghha u li minn din il-bitha jirrizulta car l-istat tal-madum u d-debris li jkun hemm fuq bejt li ma jintuzax. Huwa normali li meta jkun hemm bitha jkun hemm il-katusa kif inhuwa normali li l-bitha trid tigi mnaddfa minn zmien ghal zmien sabiex id-debris ma jinzilx fil-katusa tal-ilma. Li ghalhekk dan it-Tribunal ghal dak li jirrigwarda l-incident tal-ingress tal-ilma li sehh f'Novembru, 2014 jikkonkludi li dan gara minhabba li l-konvenuti naqsu li jaghmlu manutenzjoni xierqa f'din il-bitha u li minhabba x-xita li nizlet, id-debris tal-bitha niezel fil-katusa tal-ilma u li ghalhekk sar is-sadd u kkawza danni fil-fond tal-konvenuti.

Dan premess, irid jigi notat ukoll illi kif pacifikament akkolt, "quando invece si ha la violazione di un dovere, ed una volontaria omissione di diligenza per cui non si prevedono le

conseguenza della propria azione od ommissione e si viola il diritto altrui, senza volerlo ed anche senza avvedersene, allora si ha non il caso fortuito, ma la colpa ed il quasi delitto" (**Kollez. Vol. XXIV pI p172**).

Mir-rizultanzi processwali anke fuq il-kriterju l-aktar baxx tal-probabilita`, hekk ritenut sufficcjenti f'kawza civili ghad-danni, dan it-Tribunal hu sodisfatt min-ness prossimu bejn kawza u effett biex tkun tista' takkolla r-responsabilita` fuq il-konvenuti ghal dak li jirrigwarda l-ingress tal-ilma li sofrew l-atturi fil-proprjeta` taghhom. Fil-fehma tat-Tribunal il-konvenuti ma lahqux il-grad tal-prova li dak li gara ma kienx b'rizultat ta' nuqqas ta' attijiet preventivi adegwati biex jiskonguraw kontra l-event dannuz. Il-kaz tieghu jhalli lakuni u dubbju li ma jistghux jigu njorati.

Illi dwar l-ammont ta' danni subiti f'dan l-incident cioe' dawk ta' erbghin ewro (€40) biex tnehha s-sadd u ta' tlett mija u tmenin ewro (€380) biex l-ghamara giet imzarma, tnixxfet u ssewwiet u regghet giet armata, u tenut kont li ma ngabet ebda prova kuntrarja mill-konvenuti ghajr li l-attur Jason Cristina ghandu parentela mad-Diretturi tas-socjeta' Rustika Limited, is-socjeta' li giet inkarigata minn l-istess Jason Cristina biex taghmel dawn ix-xogholijiet riparatorji, dan it-Tribunal jasal biex jikkonkludi li tali ammont ta' danni gie pruvat mill-atturi u ghalhekk il-konvenuti ghandhom jaghmlu tajjeb ghal hlas ta' dawn id-danni.

Dwar l-incident l-iehor ta' Awwissu, 2014, cioe' sadd ta' drenagg, dan it-Tribunal jaghti piz lix-xhieda ta' Bartolomeo Micallef li ghamel ix-xogholijiet u li ismu inghata lill-attur Anthony Cristina bhala wiehed minn tlett persuni rakkomandati mill-Ufficcju tas-Sanita' gewwa tas-Sliema fejn huwa kien car u spjega li l-katusa tad-drenagg hija komuni cioe' "Pero li tmiss isfel il-mindud huwa komuni" (fol 48). Issa jibqa l-fatt li jekk il-fond tal-konvenuti kien ilu hames snin ma jintuzax, u ghalhekk drenagg da parti taghhom ma kienx jintefa, ghandhomx ikunu responsabbli ghal dawn il-hsarat? Jason Cristina a fol 28 xehed li kien ilu jghix fil-post ghal xi sena qabel ma sehh l-incident tal-perkolazzjoni tal-ilma filwaqt li missieru Anthony Cristina a fol 55 xehed li dan kien dejjem okkupat l-ewwel miz-zija, imbghad minn bintha sakemm gie ghandhom tlett snin ilu.

Micallef li ghamel ix-xogholijiet biex fetah id-drenagg, spjega li meta fetah d-drenagg kien hemm hafna grieden meta fetah d-drenagg tal-atturi ghalkemm jibqa l-fatt li dan id-drenagg huwa komuni bejn il-partijiet u ghalhekk ma jistax jinghad li dawn il-grieden huma htija ta' wiehed u mhux tal-iehor.

It-Tribunal anke stieden lil partijiet sabiex jiffrankaw spejjez ta' perit tekniku minn dan it-Tribunal sabiex jikkonstataw jekk il-katusa tad-drenagg hix komuni izda anke mir-rapport tal-Perit Ellul u l-affidavit ulterjuri tal-attur Anthony Cristina lanqas fuq dan ma qablu.

Mill-provi ma jirrizultax li l-katusa tad-drenagg tal-konvenuti kienet kif ma jirrizultax li s-sadd tad-drenagg il-konvenuti kienu jahtu ghalih.  Ghaldaqstant dan it-Tribunal limitatement ghal dan l-incident ta' Awwissu, 2014 ma jistax jilqa' it-talba tal-atturi stante li din ma gietx pruvata.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jsib li l-konvenuti kienu responsabbli ghad-danni kagonati fil-fond tal-atturi f'Novembru, 2014 u ghalhekk jordnalhom ihallsu lill-atturi s-somma ta' erba' mija u ghoxrin ewro (€420) danni u jichad it-talba tal-atturi ghal dak li jirrigwarda l-hlas ta' nofs l-ispiza li ghamlu l-atturi biex fethu d-drenagg f'Awwissu, 2014.

L-ispejjez jithallsu mill-partijiet kwantu ghal nofs bin-nofs.

**Dr Anna Mallia**

**Gudikatur**